# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Diċembru 2016

Merħba! Il-Papa jistieden lil kulħadd, ikun xi jkun it-twemmin tiegħu, sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu:

**Biex titneħħa minn kull rokna tad-dinja l-pjaga tat-tfal suldati.**

## Ningabar:

Insib post fejn nista' nara t-tfal jilagħbu... nara t-tfal jiġru 'l hawn u 'l hinn, jifirħu bl-għajjat tagħhom bla ħsieb ta' xejn. Inqiegħed lili nnifsi fil-preżenza ta' Alla u nirringrazzjah tal-ferħ li għandhom it-tfal, ferħ li jwassluh lilna l-kbar. Meta nkun lest, naqra din l-istorja.

## Fatt ċkejken:



Yusuf qam iwerżaq, kollu għaraq. Qam bil-mod mis-sodda u bl-għajnuna tal-krozzi qabeż b'sieq waħda fuq is-sufan. Xegħel il-laptop u beda jilgħab, waqt li ommu adottiva lestietlu tazza ċikkulata sħuna. Il-ħin kien it-tlieta u għaxra ta' filgħodu, iżda Yusuf ma setax imur lura jorqod  għax kien imbeżża' ħafna li jerġa' jkollu ħmar il-lejl. Din kienet ir-rutina ta' kull lejl matul dawn l-aħħar sitt xhur, minn mindu kien wasal il-Ġermanja u kien adottat b'ħafna mħabba u wens.

Yusuf għandu ħmistax-il sena. Ħajtu nqalbet ta' taħt fuq minn mindu l-familja kollha tiegħu sfat maqtula fil-konfitt ta' Aleppo fl-2012, meta d-dar tagħhom intlaqtet mill-bombardamenti. Meta sab ruħu waħdu, Yusuf ra l-ġuħ għall-ewwel darba f'ħajtu. Ma kellux għand min imur. Samir kien ħabib ta' Yusuf minn meta kienu għadhom imorru l-iskola flimkien. Samir kien ingħaqad ftit xhur qabel mal-*Free Syrian Army*. Yusuf qatagħha li jagħmel bħalu; tal-anqas ikollu ikla sħuna kuljum. Hekk qalulu. Yusuf ma damx ma tgħallem kif juża l-armi, jispara u joqtol. Il-kapijiet ippruvaw iżommuh bogħod mill-ġlied u xogħlu kien qabel xejn ta' messaġġier. Iżda waslitlu dik il-ġurnata meta qatel wieħed, u imbagħad qatel ieħor. U ftit ftit dara joqtol hu wkoll. Sakemm biċċa makkinarju splussiv tgħajjarlu saqajh il-leminija. Issa il-*Free Syrian Army* ma kellhiex aktar bżonnu u għal darb' oħra sab ruħu jkollu jfendi għal rasu.

Irnexxielu jaħrab lejn it-Turkija, u wara sab il-kenn fil-Ġermanja. Iżda għad xi darba jeħles mill-ħmar-il-lejl?

## Naħseb ftit:

Kif isiru suldati tfal bħal dawn?

X'effett iħalli fuq it-tfal, il-fatt li kienu suldati?

## Nitlob:

Nitolbok Mulej għat-tfal suldati biex iduqu huma wkoll l-imħabba tiegħek u t-tama fik fost il-ħruxijiet li jġarrbu fil-gwerra.

## Kliem ta' dawl:

Meta kont zgħir missieri kien jgħid "sakemm għadek ħaj, dejjem bit-tama biex ikun hemm jum aħjar u biex tiġri xi ħaġa tajba". Ishmael Beah, *A Long Way Gone: Memoirs of a Boy Soldier*

## X'nista' nagħmel:

Nitgħallem aktar dwar it-tfal suldati. Nista' nibda billi nżur dawn is-siti:

http://www.child-soldiers.org/index.php https://www.warchild.org.uk/

http://www.amnestyusa.org/our-work/issues/children-s-rights/child-soldiers

Nista' nara l-film, "Beasts of No Nation" (2015) tad-direttur Cary Joji Fukunaga. (Mhux tajjeb għat-tfal. Għall-kbar biss).

Jekk għandi biex, nagħti s-sehem tiegħi f'opra ta' karità li tipproteġi t-tfal f'żoni tal-gwerra.

Għandna ħafna refuġjati u immigranti jgħixu magħna. Xi wħud ħarbu mill-gwerra. Naħseb fihom tul dan ix-xahar u jekk, nista', infittex kif ngħinhom biex iħossuhom milqugħin minna. Nista' nagħmel ħbieb ma' xi immigrant li jiġi l-iskola tiegħi, inkun qarib ta' familja li toqgħod ħdejna jew nagħti gverta jew ħwejjeġ sħan tax-xitwa f'xi ċentru ta' akkoljenza.